**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-07 t' April, 2016

Talba Numru: 63/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 40.

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Vs**

**John Theuma (KI 337463M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Jannar, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett elef, tmien mija u erbgha u hamsin ewro u sittax-il centezmu (€3,854.16c) minghand il-konvenut liema ammont jirrapprezenta servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat a bazi ta' ftehim bejn l-kontendenti u dan kif jirrizulta mir-rendikont anness mal-istess avviz tat-talba mmarkat "Dok VF 1". Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 2432/14 u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-

data tal-pagament effettiv tal-istess ammont kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimat a fol 9 li permezz taghha eccepixxa li: (1) It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-esponenti qatt ma uza servizzi li jammontaw ghall-ammont mitlub mis-Socjeta' attrici salv eccezzjonijiet ohra. Bl-ispejjez legali kontra s-Socjeta' attrici minn issa ngunta ghas-Subizzjoni; (2) Li r-rendikont esebit mill-istess Socjeta` attrici juri diskrepanza fl-ammonti li hemm rikjamati mis-Socjeta' rikorrenti juri diskrepanza fl-ammonti li hemm rikjamati mis-Socjeta' attrici u dawn id-diskrepanzi huma frott l-izbalji u l-inezatezzi tal-istess Socjeta' rikorrenti; (3) illi s-Socjeta' attrici taf li l-esponenti ma ghamilx uzu minn dan in-numru izda kien haddiehor li b'qerq li s-Socjeta' taf b'dan l-fatt li uza dan in-numru flok l-esponenti;

Ra n-nota tas-Socjeta' attrici a fol 12 li permezz taghha rriduciet l-ammont ta' sorte ghal tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3494.06c).

Ra x-xhieda ta' Joseph Azzopardi, Credit Control Manager mas-Socjeta' attrici (fol 14 et) li spjega li dan l-kreditu kien jeccedi hdax-il elf ewro (€11,000) izda f'din l-kawza s-Socjeta` attrici qed titlob bilanc ta' tlett elf, tmien mija u erbgha u hamsin ewro u sittax-il centezmu (€3854.16c). Huwa kkonferma r-rendikont esebit a fol 2 et tal-process u pprezenta l-fatturi relattivi ghal dan il-kont (Dok JA1 fol 18 et) u spjega wkoll li r-raguni ghaliex ir-rikorrenti naqset l-ammont originarjament dovut minhabba cirkostanzi partikolari ghal dan l-kaz fis-sens li l-password relattiv ghal dan is-servizz kien inghata lil terza persuna u kien sar uzu wkoll minn terza persuna. Kien ghalhekk li s-Socjeta' attrici hadet decizjoni nterna li l-ammont li ghandu jintalab lill-konvenut ikun dak li qed jintalab f'din il-kawza.

Azzopardi xehed li dawn l-SMS's kienu qed isiru nternazzjonalment u li biex jinhareg 'itemized bill' irid ikun hemm hames mitt faccata u jaqbzuhom u ghalhekk huwa pprezenta CD Dok JA2. Meta jintbaghat SMS internazzjonali minn 'networks' barra minn Malta xehed li l-attrici tigi ccargjata l-'fee' ta' din in-'network' internazzjonali li l-istess Socjeta' attrici ssejhilha 't-termination charge'.

Lil klijent imbaghad jiccargjawh din it-'termination charge' u l-fees tal-istess Socjeta' attrici. F'dan il-kaz s-Socjeta' attrici qed titlob minghand l-konvenut t-'termination charge' li batew minghand in-network internazzjonali u li ma hemm l-ebda profit ghas-Socjeta' attrici. Huwa pprezenta Dok JA32 li huwa l-fattura u

'credit note' relattiva li nharget mis-Socjeta' attrici fil-konfront tal-kont li hija ta' sebat elef, tmien mija u erbatax-il ewro (€7,814) li jirraprezenta dawn il-'fees' li Vodafone kienet tkun intitolata ghalihom u li harget fil-forma ta' 'credit note' a favur tal-konvenut.

Spjega li l-ammonti zghar li jinsabu fir-rendikont a fol 2 jirrapprezentaw il-kera li l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici kif ukoll xi konsum zghir li jkun sar lokalment.

Dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut fejn hu jilmenta li kien hemm xi uzu qarrieqi ta' dan is-servizz Azzopardi spjega li jirrizulta li l-konvenut kien ta l-'password' lil terza persuna u li din it-terza persuna kienet qieghda tibghat dawn l-SMS's barra minn Malta. Dan il-'password' jipprovdi access ghal 'My Vodafone Account' tramite tal-'internet'.

Xehed li l-konvenut kien mar il-Vodafone biex jilmenta dwar dan il-kont izda kien hemm persuna fil-'credit control' li fis-7 ta' Jannar, 2013 avvicinat lil konvenut biex tigbidlu l-attenzjoni tieghu dwar din l-attivita` li kienet qed issir minn dan in-numru tat-telephone. Jammetti li kienet ingibdet l-attenzjoni tas-Socjeta' attrici lejn il-fatt li kien hemm xi haga mhux f'postha ghax dan il-kont zdied hafna f'temp qasir ta' zmien, madwar gimghatejn. Jghid li l-konvenut kien qed jircievi hafna kommunikazzjonijiet in rigward dawn l-SMS's li kienu qed jintbghatu barra minn Malta u kien fl-14 ta' Jannar, 2013 li eventwalment gharrafna li kien ta l-password tieghu lil terza persuna. Jammetti pero' li din l-informazzjoni ma jafhiex kollha di mano pero' l-'credit control person' impjegat li kkommunika mal-konvenut kien ha 'log' ta' dak li kien ghaddej - prassi normali li ssir da parti tas-Socjeta' attrici li meta jkun hemm kommunikazzjoni ma' klijent tittiehed jew jittiehed annotament f'dan ir-rigward u jigi inserit fis-sistema tal-istess Socjeta'.

Huwa pprezenta wkoll serje ta' 'e-mails' li juru l-korrispondenza li ghaddiet bejn l-'credit control person' u l-konvenut Dok JA4. Spjega li din l-kommunikazzjoni bejn l-'Fraud Department' mal-'Credit Controller' meta nnotaw li kien qed ikun hemm dan l-uzu ogholi minn dan is-servizz, il-korrispondenza bejn l-'Credit Controller' u l-konvenut fejn gharrfuh dwar li kien ghaddej u l-korrispondenza li hemm interna dwar id-decizzjoni li hadet il-kumpanija li l-konvenut jigi *charged at cost*.

Xehed li l-konvenut jista jaccedi s-sistema 'My Vodafone Account' li fih ikun hemm record ta' dak kollu li jkun ghaddej.

In kontro-ezami Azzopardi xehed li l-konvenut sa qabel Jannar 2013, kien jaghmel uzu regolari u kien ihallas regolari ghall-uzu tas-servizzi. Jammetti li l-konvenut mar f'Ottubru, 2014 fil-fergha tal-Mosta biex jitlob xi skont ulterjuri minn dak li kien qed jigi offrut lilu mis-Socjeta' attrici u mhux kif suggerit lilu biex jilmenta dwar l-uzu rregolari tas-servizz tieghu. Mistoqsi jekk Caroline Borg tahdimx mas-Socjeta' attrici huwa wiegeb li din tahdem fil-'Fraud Department' mas-Socjeta' attrici u li kienet l-istess persuna li kienet qeghda f'kuntatt mal-konvenut dwar din l-kwistjoni.

A fol 44 is-Socjeta' attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi.

Bhala provi l-konvenut ressaq ix-xhieda tieghu biss. Huwa spjega li kien bil-kuntratt mal-Vodafone, u jhallas normali kull xahar. F'xahar minnhom irceva kont ta' xi hdax-il elf ewro (€11,000) u mar il-Vodafone Mosta biex jistaqsi dwar dan il-kont u qaluli li mill-Mosta ma jistghux jaghtuh informazzjoni. Ghamel tlett gimghat jinzel kuljum sakemm darba minnhom cemplitlu certu Caroline Borg minn tal-'Fraud' u qaltlu li jekk mhux ser ihallashom qalulu 'ghax ihhekjawlek n-numru' u qaltlu li ma kellux tort u li jekk jaf min hu 'bhalek bil-kuntratt ghidlu' biex joqghod attent ghax kellna hafna problemi. Il-konvenut xehed li hija qaltlu biex iserrah rasu ghax mhux ser ihallas xejn u li ser jibqa jhallas il-kontijiet normali li 'taghmel tat-telefonati tieghek'. Baqa` jircievi l-kont u rega mar u wara sitt xhur Caroline Borg regghet kellmitu u qaltu biex iserrah rasu. Rega mar il-Mosta u qalulu li tawh discount.

Il-kont naqas ghal tlett elef u xi haga minn sebat elef u qalulu li dawn huma telefonati.

In kontro-ezami l-konvenut jinnega li huwa qatt ta l-password lil xi hadd u xehed li lanqas jaf x'inhi 'password'. Mistoqsi jekk kienx ta l-'password' lil haddiehor l-konvenut wiegeb li lanqas jaf li tezisti 'password'. Jinnega li kienu kellmuh il-'Fraud Team' tal-Vodafone u baqa` jsostni li dejjem lil Caroline Borg kellem. Mistoqsi jekk accediex l-'account' 'online' fejn fih tista tara l-'logs' kollha ta' telefonati, SMS's u l-affarijiet kollha l-konvenut wiegeb li lanqas jaf li hemm dawk l-affarijiet.

A fol 48 l-konvenut ghalaq l-provi u l-partijiet trattaw l-kaz fis-seduta tad-19 ta' Frar 2016 .

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

Illi dwar provi fil-kamp civili jigi rilevat li:

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi varjati tal-hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa u ghoxrin (25) t'April, 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull Tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet u dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-Gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-Gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 t' April, 1994; **Borg vs Manager tal-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar,1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja u ghoxrin (28) t' April, 2004 fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' ' in dubio pro reo'.*

Ikkunsidrat li l-konvenut kellu kuntratt mal-Vodafone u l-problemi bdew f'Jannar 2013 meta l-'Fraud Team' tas-Socjeta' attrici innota numru kbir ta' SMS's li kienu qed jintbaghtu *in bulk* barra minn Malta minn numru tal-konvenut. Is-Socjeta' attrici tghid li l-konvenut ammetta li huwa kien ta l-password tieghu li xi hadd li baghat SMS's barra minn Malta u li taw skont lil konvenut u li l-bilanc li qed jitolbu lil konvenut ihallas huwa ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06c). Il-konvenut mill-banda l-ohra jinnega li kellu 'password' u li trid tkun tekniku biex tkun taf il-'password' u jinnega li ta l-'password' u li ma kellux l-possibilita` li jkun jaf min ihhekjah.

Li huwa minnu li mill-provi prodotti mis-Socjeta' attrici jirrizulta li dawn l-SMS's intbaghtu min-numru tal-konvenut u li l-konvenut iddefenda ruhu fuq l-presuppost li l-ammont mitlub ma kienx dovut ghax dawk l-SMS's ma nbaghtux minnu u kien hemm xi hadd li hhekja l-mobile tieghu.

Jirrizulta wkoll li s-Socjeta' attrici rriduciet l-ammont originarjament minn sebat elef tmien mija u erbatax-il ewro (€7,814) ghal tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06c) liema gustifikazzjoni ghal din ir-riduzzjoni s-Socjeta' naqset li tipproduci f'din l-kawza kontra l-konvenut u spjegat biss li hija t-'termination charge' li batew minghand in-'network' internazzjonali u li ma hemm l-ebda profit ghas-Socjeta' attrici.

It-Tribunal jinnota li s-Socjeta' attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni ghaliex tat dan li skont lill-konvenut kif lanqas resqet lil Caroline Borg li maghha kien jilmenta l-konvenut bhala xhud kif ukoll naqset li tipproduci prova dwar l-awtenticita` tal-'e-mails' prezentati a fol 41 et.

Dan iwassal lil dan it-Tribunal sabiex jasal biex jiddeciedi li l-verzjoni tal-konvenut li l-allegazzjoni centrali tal-eccezzjoni tieghu u cioe li huwa qatt ma bghat dawk l-

SMS's kollha, hija tassew fondata u ma jhallix lil dan it-Tribunal fi stat t' incertezza fil-formazzjoni tal-gudizzju tieghu.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal qed jichad it-talbiet attrici bi spejjez ghas-Socjeta' attrici.

**Av Anna Mallia**

**Gudikatur**